MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MAĦRUĠA MILL-MFSA

## Avviż indirizzat lill-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari lill-investituri ż-żgħar (dawk imsejħa *retail*), dwar il-bejgħ ta' prodotti spekulattivi [*Contracts for Difference; Binary Options; Forex* u prodotti spekulattivi oħra] u r-riskji assoċjati magħhom

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq terġa' tavża lill-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari lill-investituri ż-żgħar, dwar ir-riskji konsiderevoli marbuta mal-investimenti f'dawk li jissejħu *contracts for difference*, *binary options*, *forex* u prodotti spekulattivi oħra.

L-Aġenzija Ewropeja tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") iddikjarat li dawn it-tip ta' prodotti jagħtu lok għal tħassib marbut mal-ħarsien tal-investitur, partikolarment minħabba li l-istrateġiji ta' *marketing* tal-kumpaniji li jbiegħu dawn il-prodotti u l-mod li bih jiġu ppreżentati lill-investituri li jistgħu ma jifhmux in-natura mill-aktar riskjuża, kumplessa u spekulattiva tagħhom. Dawn il-prodotti ta' spiss huma reklamati permezz ta' pjattaformi elettroniċi u huma mibjugħa mingħajr parir ta' investiment li jwassal għal detriment u telf sostanzjali għall-investituri żgħar. Entitajiet mhux awtorizzati u mhux regolati wkoll qed joffru dawn il-prodotti u dan huwa ta' tħassib partikolari għaliex iżid b'mod sostanzjali r-riskju għall-investituri li jistgħu jispiċċaw vittmi ta' *scams* frewdolenti.

L-MFSA twissi lill-investituri u investituri potenzjali biex ikunu mill-aktar kawti u viġilanti meta jfittxu li jinvestu f'dawn il-prodotti spekulattivi u li jiżguraw li l-kumpanija li qed toffrilhom hija awtorizzata biex toffri servizzi marbuta ma' dawn il-prodotti. Il-konsumaturi għandhom ifittxu wkoll parir ta' investiment professjonali u jiżguraw li fehmu sew ir-riskji nvoluti qabel ma' jinvestu f'dawn l-istrumenti kumplessi.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA 02-2017**
**2 ta' Marzu 2017**